**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 38 – 4 ta' Settembru 2014**

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis 6:30 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 38. Il-laqgha bdiet fis-6:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Vici-Sindku |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| Skużati: | Dr. Roderick Aquilina | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Pubbliku: | Ħadd | |
| Uffiċċjal prezenti: | Paula M. Valletta | Segretarju Ezekuttiv |

1. **1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Kunsillier Philip Said qal li jixtieq li tinżamm minuta silenzju b'turija ta' rispett lejn żewġ persuni li ħallew din id-dinja fil-ġimgħat preċedenti. Dawn huma s-Sur Brincat, kuratur tal-Kappella tal-Grazzja u s-Sur Ellul, missier Dr. Massimo Ellul.

1.2 Is-Sindku Alfred Grixti ippropona li l-minuti ta' Agenda Nru 37 jiġu approvati kif ipprezentati lill-Kunsilliera kollha. Huwa ġie sekondat mill-Viċi Sindku Thomas Agius.

Dawk Favur; is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi-Sindku Thomas Agius, l-Kunsilliera George Cortis, Philip Said, Catherine Sammut, Robert S. Tabone u Cain Grech

Dawk Kontra; Hadd

Astensjonijiet; il-Kunsillier Duncan Bartolo peress li kien skużat fil-laqgħa ta' qabel.

Il-minuti ġew approvati (164).

## 2. 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Philip Said faħħar l-inizzjattiva li ttieħdet sabiex ntlaħaq il-ftehim bejn l-ICE, Institute of Computer Education, kumpanija tal-informatika, u l-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug. Huwa wera s-sodisfazzjon tieghu li dawn il-flus ser jintuzaw biex jigi zviluppat il-Heritage Trail.

2.2 Il-Kunsillier Philip Said tkellem ukoll dwar il-funtana tal-ajkla li hemm fil-pjazza. Huwa qal li jehtieg li jsirilha manutenzjoni sabiex terga tibda tithaddem. Is-Sindku Alfred Grixti qal li din ghandha titranga u tithaddem.

2.3 Il-Vici-Sindku Thomas Agius staqsa kienx hemm zvilupp fuq il-hsarat li hemm fuq id-dwal u l-bankini ta' Vjal il-Helsien. Is-Sindku Alfred Grixti qal li kienu ntalbu zewg rapporti; dwar id-dwal minghand il-Micamed u dwar il-bankini minghand il-Med Design.

Meta s-Sindku kien kellem lil Micamed, il-kuntrattur kien qallu li huwa m'huwiex kwalifikat li jitkellem dwar il-metall tax-shades tal-arbli, pero' jista' jitkellem dwar kif qed jintlaqat hazin l-elettriku tal-arbli. Min-naha tieghu l-kuntrattur qed jixghel numru ta' bozoz kull tant jiem, sakemm ma jsib liema wahda qed tikkawza il-qtugh tad-dawl tal-fanali l-baxxi tan-naha tal-Muzew tas-Subien. Is-Sindku qal li ghandhom jittiehdu ritratti ta' kull bozza u Ritemix ghandu jintalab jiehu azzjoni anke minhabba l-fatt li dawn l-arbli bil-fanali ghandhom sentejn garanzija.

2.4 Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-Kunsill kien ghadu kif ircieva cheque minghand il-Water Services Corporation li jaghmel tajjeb ghall-bdil tal-mains tal-ilma fi Vjal il-Helsien. L-ammont shih gie mhallas lil Ritemix immedjatament u nqata mill-bilanc dovut lejn l-istess kumpanija fuq Vjal il-Helsien. Huwa qal li Ritemix qeghdin jitolbu li jithallas l-ammont li l-Kunsill jircievi dwar it-tibdil fis-sistema tad-drenagg li sar fl-istess triq, meta dan l-ammont jghaddi ghand il-Kunsill.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku Alfred Grixti gab ghall-attenzjoni korrispondenza li kienet ntbaghtet mill-Comune di Agira dwar mawra edukattiva ta' grupp ta' zghazagh Zebbugin f'Aggira gewwa Sqallija. Permezz ta' din l-inizzjattiva ser jitla' grupp ta 20 zaghzugh li ghandhom kwalifiki fl-Informatika. Dan il-Grupp ser jittella mis-26 sat-28 ta' Settembru 2014. Kollox huwa imhallas minn dan il-programm hekk imsejjah bhala Europe for Citizens.

Kien hemm qbil unanimu li dan il-grupp ikun kompost minn:

Membri tal Kunsill : Is-Sindku Alfred Grixti

Il-Vici Sindku Thomas Agius

Il-Kunsilliera Catherine Sammut

Il-Kunsillier Roderick Aquilina

Rapprezentanza :

- Kazin Banda San Filep
- Kazin Banda San Guzepp
- Kazin Banda 12 ta' Mejju
- Kazin Partit Laburista Haz-Zebbug
- Kazin Partit Nazzjonalista Haz-Zebbug
- Zebbug Scout Group
- Grupp ta' Warda
- Zebbug Bocci Club
- Zebbug Rangers
- MUSEUM Bniet
- MUSEUM Subien

3.2. Dwar is-CCTV cameras li ghandhom jitwahhlu gewwa Haz-Zebbug, is-Sindku Alfred Grixti qal li ghandhom jitwehhlu fejn hemm il-bring-in-sites. Ghandha titwahhal ohra li tkopri mis-central strip ta' hdejn Sebio 'l isfel, filwaqt li ghandha tintrama wahda ohra fejn jarma l-Monti.

Is-Sindku Alfred Grixti qal li ghandu jkun hemm ftehim mar-Regjun dwar xi protokoll ser jintuza biex jigu mharrka n-nies li jinqabdu jhammgu fuq l-filmati migbura mis-CCTV cameras. L-istess protokoll ghandu jintuza fir-Regjun kollu. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill ghandu jistenna biex jara xi protokoll ser jintuza sabiex jinhargu dawn it-tahrikiet.

3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza li kien qed jircievi l-Kunsill dwar il-Live Streaming. Gie deciz li jigu mitluba kwotazzjonijiet ghall-apparat sabiex ikun jista jsir il-live streaming. Jekk ikun jidher li l-ispiza ser taqbez l-ammont kif stipulat fil-ligi, jinhareg tender.

## 4. WORKS SUPERVISOR/CO-ORDINATOR

4.1 Il-Kunsillier Robert S. Tabone hareg mil-laqgha fir 8:25pm. Sadanittant, inqara r-rapport li kien ppreparat mill-Bord tal-Agudikazzjoni fejn saret ir-rakkomandazzjoni dwar min kellu jimla' dan il-post vakanti. Il-Bord kien qed jirrakkommanda lis-Sur Robert S. Tabone ghal din il-kariga.

Wara diskussjoni, is-Sindku Alfred Grixti ppropona dan li gej:

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug wara li qara u ddiskuta r-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tal-Aggudikazzjoni dwar il-hatra ta Works Supervisor/Co-ordinator qieghed jaqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni, dejjem jekk is-Sur Tabone jaccetta din il-kariga.

Is-Sur Philip Said ssekonda din il-mozzjoni.

Dawk Favur; is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici-Sindku Thomas Agius, l-Kunsilliera George Cortis, Philip Said, Catherine Sammut, Duncan Bartolo u Cain Grech

Dawk Kontra; Hadd

Astensjonijiet; Hadd

Din il-mozzjoni ghaddiet (165)

Wara l-votazzjoni dahal lura ghal-laqgha l-Kunsillier Robert S. Tabone. Is-Sindku u l-Kunsilliera ferhu lis-Sur Tabone. Is-Sindku Alfred Grixti qal lis-Sur Tabone li għandu respponsabbiltà kbira x' jġorr u fakkru li l-proċedura ghandha tkun li kull lment li jidhol ghandu jghaddi lis-Segretarju Ezekuttiv, u imbaghad min-naha taghha s-Segretarju ghandha tara x'inhuma l-prijoritajiet u din taghti l-lista ta' xoghlijiet lill-Works Manager/Co-ordinator. Is-Sindku wissa wkoll lis-Sur Tabone li ma għandux jaġixxi b' mod li jagħti x' jifhem lin-nies li huwa 'l fuq mis-Sindku, Kunsilliera u s-Segretarju Eżekuttiv u dan sabiex ma tiġix ripetuta l-esperjenza tal-imgħoddi. Sadanittant is-Sindku Alfred Grixti qal li minhabba dan l-inkarigu l-gdid li ser jibda jokkupa s-Sur Robert Tabone, dan ghandu jaghti r-rizenja tieghu, u wara jsiru l-arrangamenti mehtiega mal-Kummissjoni Elettorali sabiex issir by-election mill-Kummissjoni Elettorali.

## 5. VOT TAL-FLUS

5.1 Is-Sindku Alfred Grixti ressaq ghall-vot il-lista ta' pagamenti ghal dan ix-xahar ghall-approvazzjoni tal-kunsill. Wara li l-Kunsilliera kienu mistoqsija jekk kienx hemm xi nformazzjoni li xtaqu jkun jafu dwar il-Vot tal-Flus, ittiehed vot. Il-Vici Sindku Thomas Agius astjena mill-Vot ghall-Punt nru. 1 u nru. 5. u nru. 11., filwaqt li l-Kunsillier Robert S. Tabone astjena minn Punt nru. 5. Is-Sindku Alfred Grixti ppropona il-vot tal-flus kif prezentat. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Duncan Bartolo. Il-Kunsilliera kollha kienu favur li l-pagamenti jigu prezentati kif indikat fil-lista bir-riservi tal-Vici-Sindku Thomas Agius u l-Kunsillier Robert S. Tabone.

Dawk Favur; is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Thomas Agius u l-Kunsilliera Philip Said, Catherine Sammut, Cain Grech, Duncan Bartolo u George Cortis u Robert S. Tabone.

Dawk Kontra; Hadd

Astensjonijiet; Hadd

Il-mozzjoni ghaddiet (166)

## 6. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-Kunsilliera.

## 7. AĠĠORNAMENT

Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa ghad-9 ta' Ottubru 2014 fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-9:00 pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Paula M. Valletta |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |